**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-29 ta' Settembru, 2017**

**Talba numru 40/2016 AM3**

**Lista Numru: 43**

**Marlene Axiaq Cauchi K.I. 217676(M)**

**Miker, Triq Sant' Andrija,**

**Zebbug,**

**Ghawdex**

**Vs**

**Noel Cesareo K.I.14471(M)**

**Ville Eugene, 26,**

**Triq Mannarino,**

**Birkirkara,**

**Malta**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat mill-attrici li permezz taghha l-attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) dovuti bhala nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulati fir-rigward ta' binhom l-minuri Jayden Cesareo u dan skont kif obbligat permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghti fis-16 ta' Ottubru, 2013 fl-atti tal-ittra nru 768/2013 fl-ismijiet: Marlene Axiaq Cauchi vs Noel Cesareo.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex huwa dejjem hallas nofs is-sahha u l-edukazzjoni meta mitlub; li jinkombi fuq l-attrici li tipprova s-sustanza u d-dati tal-ircevuti de quo liema hlasijiet saru versu allegatament l-htigijiet medici u edukattivi tal-minuri; li l-ammont hawn mitlub huwa ferm iktar minn dak precedentement mitlub mill-avukat tal-fiducja tal-attrici u ghalhekk iktar kjarifiki huma necessarji specjalment galadarba m'hawn esebiti l-ircevuti in kwistjoni.

Ra l-affidavit tal-attrici a fol 68 li permezz tieghu xehdet li minn relazzjoni li kellha mal-intimat liema relazzjoni illum spicca twieled tifel Jayden Cesareo fid-09 ta' Novembru, 2009. Li d-digriet moghti mil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-16 ta' Ottubru, 2013 fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni numru 768/2013 fl-ismijiet 'Marlene Axiaq Cauchi vs Noel Cesareo' l-Qorti kienet ordnat lill-intimata tithallas manteniment ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar ghal minuri oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni. L-ammont pretiz f'din il-kawza jirrigwarda ammonti li ghadhom dovuti mill-intimat bhala sehmu minn dan l-ispejjez li saru minn Novembru, 2013 l'hawn.

In kontro-ezami fol 82 et l-attrici spjegat li hemm certu drabi li ma tinghatax ircevuta mill-iskola bhal parties u attivitajiet li jsiru mill-iskola stess.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut a fol 71 et, huwa jikkonferma li hemm dan id-digriet izda li huwa dejjem hallas meta jinghata l-ircevuti. Rigward l-ircevuti li pprezentat l-attrici Dok MA1 huwa xehed li dawn ma humiex ircevuti 'legittimi' skont hu u ghalhekk ma hallasx u li l-kumplament tal-istess ircevuti li jammontaw ghal tlieta u

ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€23.67c) huwa hallashom. Re dok MA2 dawn huma ircevuti imhazzin u kull ma jidher hu l-ammont totali filwaqt li fuq wahda minn dawn l-ircevuti mhazzin hemm miktub minn Marlene li tali ircevuta hi ta' zarbun tal-iskola ghalkemm dan ma jirrizulta bl-ebda mod mill-ircevuta nnifisha ghal fatt li d-deskrizzjoni tal-oggett mixtri giet imhazzez mill-attrici. Hemm ukoll ircevuti miktubin fuq karta komuni mill-attrici bhal ma jdihru f'dok MA1 u hemm ircevuti ghal kostum tal-karnival u dawn ma jirrelatawx mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri u kien ghalhekk li ma hallashomx.

Dwar Dok MA3 huwa spjega li hemm xi ircevuti li huma mahruga mill-istess hanut u li jindikaw l-istess data u wkoll ircevuti mahruga minn Klabb 3-16 li huwa qatt ma gie infurmat mill-attrici li t-tifel ser jattendi. Dwar Dok MA4 huwa spjega li dawn ma hallashomx ghax gew miktuba minn Marlene stess x'kien l-oggett mixtri u dan minghajr ma tirrizulta ebda indikazzjoni konkreta mill-ircevuti nnifishom dwar x'kienu fil-verita' l-oggetti mixtrija.

Dwar Dok MA5, MA6 u MA7 huwa spejga li dawn qatt ma rcevihom u ghalhekk ma hallashomx u wahda mill-ircevuti dok M7 hija falza li tirrigwarda l-uniformi tal-minuri ghax miktuba minn l-attrici u maqtugha minn ktieb tal-ircevuti li l-attrici kienet tuza sabiex tohrog l-ircevuti tal-kera li kienet thallas. Huwa xehed ukoll li l-attrici rregistratu fi skola tal-knisja minghajr il-kunsens tieghu ghalkemm il-kura u kustodja hija kongunta u li jinkombi fuq l-attrici li tipprova li effettivament saru dawn il-hlasijiet.

In kontro-ezami fol 94 et l-konvenut rega tenna li huwa kien hallas fejn kien hemm l-ircevuti u spjega ghaliex ma hallasx fejn ma kienx hemm ircevuti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut u jinnota li l-attrici naqset li tipprezenta n-nota taghha.

Ra li minkejja li l-attrici inghatat anke l-opportunita' li titratta hija naqset li taghmel dan u ghalhekk dan it-Tribunal ghadda ghad-decizjoni

Ikkunsidra

Li dan huwa kaz iehor fejn genitur u hafna draba tkun l-omm ikollha tumilja ruhha u titkarrab ghal nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha minghand il-genitur l-iehor dwar wild jew ulied li jkollhom. Id-digriet mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) digriet nru 768/13 jobbliga lil konvenut ihallas nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni ghal minuri Jayden. Dan id-digriet hareg fis-16 ta' Ottubru, 2013 u l-ispejjez jirrigwardaw spejjez li allegatament ghamlet l-attrici minn Novembru, 2013 sa Dicembru, 2015.

Illi dan it-Tribunal jinnota wkoll li ghalkemm it-talba tal-attrici hija ghal mitejn ewro (€200) fl-affidavit taghha u fil-faccata tal-formola tal-avviz hija ta' erbgha mija u disgha u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€469.85c) u l-ebda eccezzjoni ma saret f'dan ir-rigward mill-konvenut u ghalhekk dan it-Tribunal qed jikkonsidra t-talba tal-attrici bhal dik ta' erbgha mija u disgha u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€469.85c).

Dwar Dok MA1 a fol 12 et – veru li dawn ma humiex ircevuti veru u proprju izda veru wkoll li hadd ma jaghti ircevuta ghal present tat-teacher tal-milied jew ghal xi outing. Pero' jekk l-attrici tat flus fil-piggy bank tal-klassi dan ghamlitu minn rajha u mhux parti mill-ispejjez edukazzjoni tal-minuri kif ukoll l-christmas crafts for school u ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li minn total ta' mija u sebgha u erbghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€147.35c) ghandhom jitnaqqsu erba' ewro (€4.00) tal-Piggy Bank u disa' ewro u disghin centezmu (€9.90c) li jigu mija u tlieta u tletin ewro u hamsa u erbghin (€133.45c). Veru li ma jirrizultax li l-attrici kkonsultat mal-konvenut rigward ir-registrazzjoni tac-child care centre fil-Qawra u stante li l-attrici ma prezentat ebda prova li l-kura u kustodja tal-minuri hija fdatha esklussivament lilha, dan it-Tribunal jemmen lill-konvenut meta xehed li l-kura u kustodja tal-minuri hija kongunta. In-nuqqas tal-attrici ghalhekk li ma tinfurmahx huma ta' min jikkundannah izda tenut kont d-digriet tal-Qorti li huwa ghandu jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni huwa ghandu jhallas nofs dawn l-ispejjez cioe' hamsin ewro (€50) li minnhom hallas tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€23.67c) u ghalhekk il-konvenut ma ghandu jaghti bilanc ta' sitta u sebghin ewro u tlieta u

tletin centezmu (€76.33c).

Rigward l-ircevuti l-ohra t-Tribunal ma jistax jikkunsidra z-zewg pagamenti li saru ta' hamsa u hamsin ewro (€55) u erbghin ewro (€40) lil Kercem Ajax a fol 30 bhala spiza ta' edukazzjoni jew ta' sahha skont l-imsemmi digriet u ghalhekk l-konvenut ma ghandux ihallas nofshom; lanqas s-somma ta' mija u hamsa u sittin ewro (€165) a fol 34 stante li dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif skola ma jkollhiex letterhead taghha u ma tohrogx ircevuta formali u ghalhekk ma jistax jaccetta dawn l-ircevuti.

Dwar il-pagament li l-attrici ghamlet lil Fondazzjoni ghal Servizzi Edukattivi biex it-tifel jattendi l-iskola sajf n-Naxxar fis-sena elfejn u erbatax (2014) fol 16 u a fol 17 veru li dawn saru minghajr l-approvazzjoni jew konsultazzjoni tal-anqas avviz lill-intimat izda veru wkoll li dawn l-ispejjez ma sarux b'kapricc u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas nofs is-somma dovuta ta' disgha u sittin ewro u disghin centezmu (€69.90c) cioe' erbgha u tletin ewro u hamsa u disghin centezmu (€34.95c).

Dan it-Tribunal jixtieq ifakkar li l-konvenut ghandu jiehu interess fl-attivitajiet ta' ibnu anke jekk l-attrici ma tikkonsultax mieghu u ma hemm xejn xi jzommu milli jitlob lill-iskola fejn imur ibnu biex tibghatlu kull informazzjoni dwar outings, parent's day, attendenza etc dwar ibnu la huwa qed jikkontendi li l-kura u kustodja tal-minuri hija kongunta u inoltre ifakkar ukoll lill-attrici biex tinforma lil missier dwar kull fejn tirregistra li binha sabiex f'hinijiet li mhux tal-iskola u jekk il-missier jista joqghod bil-minuri ghalkemm mhux fil-hin tal-access tieghu, huwa fl-interess tal-minuri li jkun mal-missier milli jitpogga f'xi centru sakemm hija taghmel ix-xoghol taghha. Kemm-il darba l-missier ma jkunx jista l-omm tista taghmel dawn l-arrangamenti alternattivi u l-missier allura f'dak il-mument ikun obbligat li jhallas nofs l-ispejjez tac-child care centre.

F'dan il-kas it-Tribunal stante li l-ordni tal-Qorti hija li spejjez dwar l-edukazzjoni jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet avolja minghajr konsultazzjoni (ghax certu nies iridu l-ordni tal-Qorti u u mhux is-sens komun li jigwidhom) il-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez tac-child care centre.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jideciedi billi jilqa' it-talba tal-attrici limitatament ghas-somma ta' mija sitta u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€146.23c) bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**